**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 23 ta' Novembru, 2017**

**Pulizija**

**Spettur Yvonne Farrugia**

**Vs**

**Issa Isslam Tawfik**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Issa Isslam Tawfik, ta' 44 sena, bin Tawfik u Emna Issa, imwieled f'Beheira, Egittu, fil-25 ta' Novembru, 1969, u li joqghod f'Abbey Court, Flat 2, Triq Atocia, Hamrun, Detentur tal-passaport Egizzjan numru 573905 u tal-Karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 20380A;

Talli f'Mejju, 2014 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2) Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

4) Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

5) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fi proceduri civili jew kriminali, gieghel li jsir jew xjentement igib, dokument falz;

6) Aktar talli ghamel affidavit falz, waqt li kien jaf li dak l-affidavit kien mehtieg jew mahsub ghal proceduri civili f'Malta;

7) Kif ukoll talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi bil-hsieb li jestorci flus jew xi hag' ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, ghedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil Michael Bugeja ta' Bilom Group jew xi persuna ohra;

8) U talli halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem Ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

9) U b'hekk, Issa Isslam Tawfik, sar recidiv a termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Imhallef J. Galea Debono LL.D. fit-2 ta' Frar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

10) Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat jahdem ghal rasu fix-xoghol ta' kisi u tibjid. Fis-snin precedenti ghal din il-kawza, hu kellu lant ta' xoghol f'diversi siti mal-Bilom Group, u ta' dan ix-xoghol kien ilmenta li ma kienx thallas. Ghalhekk hu kien irregistra privilegg specjali ai termini tal-ligijiet civili biex ihares id-drittijiet tieghu ghal dan il-hlas. Biex ghamel hekk, hu ha gurament quddiem nutar pubbliku, u din il-procedura giet irregistrata. Bilom Group kienu oggezzjonaw bil-qawwa kollha ghal din l-azzjoni tal-imputat, u apparti li mexxew kawzi civili kontra tieghu, ghamlu kwerela kriminali kontra tieghu ghal dikjarazzjoni falza. F'din il-kwerela, datata 17 ta' Marzu, 2013, gie indikat is-segwenti.

Illi l-imsemmi Issa Islam Tawfik f'dawn l-ahhar gimghat (cioe' qabel id-data tal-kwerela) irregistra Privilegg Specjali Nru. 3442/2014 kontra s-segwenti kumpaniji-

Bilom Construction Ltd – C48672

Bilom Finishings Ltd – C59846

Bilom Properties Ltd – C48515

Bilom Tiles & Decor Ltd – C62236

Bilom and Bugeja Ltd – C31823

F'dan il-Privilegg Specjali li huwa rregistra fir-Registru Pubbliku l-imsemmi Issa Islam Tawfik iddikjara illi huwa ghandu jiehu minghand dawn is-socjetajiet is-somma ta' EUR16,800 bhala prezz ta' materjal fornut u xoghol ta' tikhil u tibjid minnu ezegwit fi tlett proprjetajiet li fl-imsemi Privilegg Specjali huwa ndika bhala li huma proprjeta' tal-fuq imsemmija socjetajiet li kontra taghhom huwa skriva dan il-privilegg, u cioe' l-blokk ta' bini bl-isem 'Coventry Court' fi Triq Dr. Guze Miceli, Gzira; il-korp ta' bini maghruf bhala 'Tar-Razzett Complex' fi Triq il-Mithna, Attard; u l-korp ta' bini maghruf bhala 'Amber Court' fi Triq Hal Qormi, Santa Venera.

Fl-istess, kwerela, gew indikati s-segwenti fatti u kunsiderazzjonijiet-:

i) Illi s-socjetajiet Bilom Construction Limited (C48672), Bilom Finishings Limited (C59846), Bilom Properties Limited (C48515), Bilom Tiles & Decor Limited (C62236) u Bilom & bugeja Limited (C31823) qatt ma taw ebda kuntratti t'appalt lil Issa Islam Tawfik u qatt ma kellhom assolutament xejn x'jaqsmu mieghu;

ii) Illi whud minn dawn is-socjetajiet gew irregistrati ricentement u lanqas biss ghadhom bdew joperaw;

iii) Illi ebda wahda minn dawn is-socejtajiet li kontra taghhom gie skritt il-fuq imsemmi Privilegg Specjali Numru3442/2014 mhi l-propjetarja ta' ebda wahda mit-tliet korpi ta' bini msemmija fl-istess Privilegg;

iv) Illi l-korp ta' bini bl-isem 'Coventry Court' fi Triq Guze Miceli, Gzira kien gie mibni w zviluppat mis-socjeta' 4 Bees Limited li kontra taghha ma giex iskritt dan il-privilegg specjali minkejja illi Tawfik qed ighid li huwa kreditur ghal materjal fornut u xoghol ezegwit fuq dan il-korp ta' bini;

v) Illi l-korp ta' bini maghruf bhala 'Tar-Razzett Complex' fi Triq il-Mithna, Attard kien gie mibni w zviluppat mis-socjeta' Cliffhanger Developments Limited li kontra taghha ma giex iskritt dan il-privilegg specjali minkejja illi Tawkik qed ighid li huwa kreditur ghal materjal fornut u xoghol ezegwit fuq dan il-korp ta' bini;

vi) Illi l-korp ta' bini maghruf bhala 'Amber Court' fi Triq Hal Qormi, Santa Venera ghadu fi stat ta' kostruzzjoni u qed jigi mibni w zviluppat mis-socjeta' Bugeja Developments Limited li kontra taghha ma giex iskritt dan il-privilegg specjali minkejja illi Tawfik qed ighid li huwa kreditur ghal materjal fornut u xoghol ezegwit fuq dan il-korp ta' bini;

vii) Illi fil-verita l-kwerelant Michael Bugeja m'ghandu jaghti assolutament xejn lil Issa Islam tawfik la personalment u lanqas b'ebda kumpannija li huwa nvolut fiha;

viii) Illi r-realta hija li fil-passat Tawfik kien ezegwixxa xogholijiet ghas-socjeta' 4 Bees Limited u Cliffhanger Developments Limited relattivament ghall-korpi ta' bini bl-isem 'Coventry Court' fi Triq Guze Miceli, Gzira u tal-korp ta' bini maghruf bhala 'Tar-Razzett Complex' fi Triq il-Mithna, Attard izda ta' dan ix-xoghol huwa kien thallas ghas-saldu u dan kif minnu stess iddikjarat permezz ta' skrittura datata 20 ta' Dicembru, 2010 (li kopja taghha giet inserita fil-process u mmarkata bhala Dok YF1 a fol 22 tal-process);

ix) Illi mid-data meta giet iffirmata l-imsemmija skrittura l-kwerelat Issa Islam Tawfik qatt ma rega' nghata ebda xoghol iehor;

x) Illi f'laqgha li kienet saret bejn Bugeja u Tawfik, hu ammetta ma' Bugeja fil-prezenza ta' ibnu Gilbert Bugeja li huwa jaf li ma kellu jiehu xejn minghandu izda kien irregistra dan il-Privilegg Specjali ghaliex meta kien sar ftehim li permezz tieghu huwa kien thallas ghas-saldu (liema ftehim kien jinkludi tpartit ma' proprjeta' immobbli) huwa kien (fil-fehma tieghu) mar hazin finanzjarjament u ghalhekk ried jirkupra dan 'it-telf'.

Fost dokumenti ohra gew esebiti wkoll kopji ta' cekkijiet li thallsu lil Tawfik bhala parti minn dan il-ftehim, esebit fl-atti a fol 23 bhala Dok YF2, u kopja ta' pjanta ta' proprjeta' immobbli li wkoll sar tpartit fuqha bhala parti mill-prezz tax-xoghol tieghu, esebita a fol 24 bhala Dok YF3.

Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kollha ikkorroboraw dawn il-fatti kif esposti fil-kwerela msemmija. Michael Bugeja xehed ghan-nom tal-Bilom Group u qal li l-imputat kien tqabbad jahdem fis-siti msemmija u li kien thallas ghas-saldu tax-xoghol li kien ghamel, permezz ta' flus u ta' proprjeta' immobbli. Hu kkonferma l-ftehim bejniethom esebit bhala Dok YF1, u kkonferma li wara Dicembru 2010 l-imputat ma nghatax aktar xoghol mill-Bilom Group. Qal ukoll li biex jitnehhew il-privileggi li gew irregistrati mill-imputat, kellhom jigu istitwiti proceduri fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-konfront tal-imputat, u dawk il-privileggi tnehhew mill-Qorti permezz ta' zewg sentenzi, esebiti wkoll fl-atti tal-process bhala Dok MB1 a fol 99 u MB2 a fol 102 tal-process. Gew esebiti wkoll il-kancellamenti tal-istess privileggi.

Dawn il-provi wrew bic-car li l-imputat kien irregistra zewg privileggi kontra kumpanniji tal-Bilom Group ghal xoghol li kien ghamel u li qal li ma kienx thallas tieghu. Dawn il-provi, izda, juru li x-xoghol li kien ghamel kien thallas tieghu, u l-privileggi gew hekk irregistrati minghajr ebda bazi legali jew fattwali.

In difesa, l-imputat qal li hu kellu jithallas ta' xoghol li kien ghamel, izda ta' dan ma gab ebda prova ta' xejn. Hu qal li kien ghamel xi xoghol f'Santa Venera, kien tqabbad minn certu Diego Giordano, f'sit li l-Bilom kienu proprjetarji. Qal li kellu jithallas ta' dak ix-xoghol, li Michael Bugeja tal-Bilom qal li kien ser ihallsu, izda li baqa' ma thallasx. Ghalhekk istitwixxa dawk iz-zewg privileggi. Qal ukoll li fuq il-privileggi msemmija ma kien ha ebda gurament, u li x-xoghol li kien ghamel gewwa Santa Venera kien ghamlu wara l-iskrittura ta' Dicembru 2010.

Minn esami ta' dawn il-provi l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha lil'hinn mid-dubju dettat mir-raguni. Deher car li l-imputat kien thallas ghas-saldu permezz ta' skrittura datata 20 ta' Dicembru 2010. Wara dik id-data ma hadem ghal ebda mill-kumpanniji tal-Bilom Group. Ix-xoghol li ghamel gewwa Santa Venera kien tqabbad minn Diego Giordano, li kien qed jahdem f'sit proprjeta' tal-Bilom Group. Ghalhekk l-imputat ma tqabbadx minn Bilom, izda minn Diego Giordano. Deher ghalhekk li z-zewg privileggi registrati mill-imputat kienu bla bazi legali w fattwali. L-imputat ma pproduca ebda prova ta' ammont ta' flus li kellu jithallas minn ebda persuna. Illi ghalhekk, l-imputat ghandu jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tal-Kap 9, bl-assorbiment tal-pieni, il-Qorti ser taghti piena wahda kontra tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 49, 103, 106, 108(a), 108(b), 183, 184, 188, 189 u 250 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin ai termini tal-Artiklu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**